MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1210/2008

**AJD Tuna Limited (C26300)**

**-vs-**

**1. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u**
**2. l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici datat 16 ta' Frar 2009;

Rat li entro t-terminu moghti lilhom l-intimati ma opponewx ghat-talba ;

Rat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 tat-12 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-*purse seines* li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran (Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea 13.6.2008, L 155/9) ;

Rat l-Avviz Legali numru 279 tal-2008 intitolat Regoli ta' l-2008 dwar il-Prattika u l-Procedura Civili ;

Rat il-Kapitolu 9 tar-Regoli Procedurali tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej[1] ;

Rat in-nota informativa dwar referenzi minn Qrati Nazzjonali ghal Sentenza Preliminari (Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea 11.6.2005, 2005/C 143/01);

Wara li semghet lill-partijiet ;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-mertu tal-prezenti kawza jiddependi mill-validita' tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 peress illi l-ordni tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd li jwaqqaf lis-socjeta' attrici milli takkwista u timporta f'Malta *Blue Fin Tuna* ghall-allevamenti taghha inghatat b'implimentazzjoni tal-imsemmi Regolament ;

Ghaldaqstant tilqa' t-talba attrici kif imfissra fir-rikors tas-16 ta' Frar 2009 u tordna li ssir referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ghal sentenza preliminari dwar il-mistoqsijiet koncernenti l-validita' u l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 kif formolati fl-annessa Skeda A ;

Tordna lir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili jikkomunika dan id-digriet lir-Registru tal-Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (L-2925 Lussemburgu) permezz tal-posta irregistrata sabiex il-kwistjoni preliminari tigi deciza minn dik il-Qorti skond il-procedura indikata fil-kapitolu 9 tar-Regoli Procedurali tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istatut tal-istess Qorti[2] ;

Tordna n-notifiki indikati fl-annessa Skeda A;

---

[1] http://curia.europa.eu/en/instit/txtdocfr/txtsenvigueur/txt5.pdf
[2] http://curia.europa.eu/en/instit/txtdocfr/txtsenvigueur/statut.pdf

Tissospendi l-prezenti proceduri sakemm tigi moghtija s-sentenza preliminari mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fuq il-mistoqsijiet riferiti minn din il-Qorti fl-annessa Skeda A jew sakemm tinghata ordni ulterjuri, filwaqt li tirrizerva ghal stadju ulterjuri kwalsijasi decizjoni dwar l-ispejjez tal-proceduri.

**SKEDA "A"**

**Ordni ta' Referenza maghmula mill-**
**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Qrati tal-Gustizzja**
**Malta**

**Referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej skond l-Artikolu 234 tat-Trattat li Jistabilixxi il-Komunita' Ewropea ghal sentenza preliminari fil-proceduri pendenti quddiem din il-Qorti bejn**

**AJD Tuna Limited**

**u**

**Id-Direttur tal-Agrikultura u Sajd u l-Avukat Generali**

## 1. IL-PARTIJIET

1.1 Il-partijiet f'dawn il-proceduri huma r-rikorrenti **AJD Tuna Limited** (C263000) fuq naha wahda u l-intimati d-**Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd** fil-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u Rizorsi u l-**Avukat Generali** fuq in-naha l-ohra. L-Avukat Generali huwa regolarment citat bhala konvenut fil-Qrati Maltin f'kawzi kontra l-Gvern ta' Malta.

## 2. IN-NATURA U L-ISTORJA TAL-PROCEDIMENTI

2.1 Il-proceduri odjerni huma ta' natura civili u gew mibdija permezz ta' rikors guramentat intavolat mir-rikorrenti fit-3 ta' Dicembru 2008. L-intimati gew debitament notifikati u intavolaw ir-risposta guramentata taghhom fl-4 ta' Frar 2009. Fis-16 ta' Frar 2009 ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti taghmel riferenza lill-Qorti Ewropea rigward il-validita' o meno tar- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 tat-12 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-*purse seines* li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar

Mediterran (Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea 13.6.2008, L 155/9). Il-konvenuti ma opponewx ghal din it-talba.

## 3. IL-FATTI PRINCIPALI FIL-QOSOR

3.1 Is-socjeta' rikorrenti AJD Tuna Ltd, kumpanija bis-sede taghha f'Malta irregistrata bin-numru C-26300, tiggestixxi negozju fis-settur tat-trobbija u t-tismin tat-tonn tat-tip *Blue Fin Tuna* maqbud haj fil-Bahar Mediterran. Is-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja ta' zewg *fishfarms* destinati ghat-trobbija u t-tismin ta' Blue Fin Tuna, wahda tal-kapacita' ta' 2,500 tunnellata u l-ohra tal-kapacita' ta' 800 tunnellata. L-attivita' principali tas-socjeta' rikorrenti tikkonsisti fl-akkwist ta' *Blue Fin Tuna* haj maqbud fil-Bahar Mediterran, it-trobbija u t-tismin tal-istess u l-bejgh tieghu lil operaturi komunitarji u extrakomunitarji. L-allevamenti gestiti mis-socjeta' rikorrenti gew awtorizzati min-*National Commission for the Conservation of Atlantic Tunas* taht l-*International Convention for the Conservation of Atlantic Tunas (ICCAT)* u ghandha permess takkwista kwota annwali ta' 3200 tunnellata Blue Fin Tuna fl-allevamenti taghha. Il-Komunita' Ewropea infisha hija membru tal-ICCAT u f'dan ir-rigward issostitwiet lill-Istati Membri (u ghalhekk lil Malta sa mis-sena 2004) billi bdiet tippartecipa direttament fl-attivita' ta' din il-Konvenzjoni Internazzjonali. Ghaldaqstant sabiex tezercita l-attivita' taghha s-socjeta' rikorrenti xtrat il-kwoti assenjati lilha ghas-sena 2008 minghand sajjieda tat-tonn Taljani u Francizi qabel ma jiftah l-istagun tas-sajd.

3.2 Fil-kors tal-istagun tas-sajd tal-2008 il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-Regolament Numru 530/2008 tat-12 ta' Gunju 2008, liema Regolament jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-*purse seines* li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran. Issa l-aktar parti prestigjuza tal-istagun tas-sajd ghas-sajjieda Taljani u Francizi tincidi mat-tieni nofs tax-xahar ta' Gunju meta qtajja' ta' tonn ikunu sejrin lura lejn l-Istrett ta' Gibilta' u l-Ocean Atlantiku wara li jaqsmu il-Bahar Mediterran mill-vicinanzi ta' Malta u tal-Italja t'Isfel. L-ewwel artikolu tal-imsemmi Regolament jipprovdi illi '*Is-sajd għat-tonn fl-Oċean*

*Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-*purse seines *u li jtajru l-bandiera tal-Greċja, ta' Franza, ta' l-Italja, ta' Ċipru u ta' Malta jew li huma rreġistrati fihom għandu jiġi pprojbit mis-16 ta' Ġunju 2008. Għandu jiġi pprojbit ukoll, li stokk ta' dan it-tip jinżamm abbord, jitqiegħed f'gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, u t-trażbord jew il-ħatt l-art minn dawk il-bastimenti minn dik id-data.*' Fl-Artikolu 3 imbaghad ir-Regolament ikompli jghid, '*mis-16 ta' Ġunju 2008, operaturi Komunitarji ma għandhomx jaċċettaw il-ħatt l-art, it-tqegħid f'gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jew it-trażbordi f'ilmijiet jew f'portijiet tal-Komunità ta' tonn maqbud fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-*purse seines', b'dan illi bastimenti li jistadu bil-*purse seines* u li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati fiha gew koncessi sat-23 ta' Gunju 2008. Dan ir-Regolament dahal fis-sehh fit-13 ta' Gunju 2008 u cioe' meta gie ippubblikat fil-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea.

3.3 Sussegwentement, f'Malta, id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd zamm lis-socjeta' rikorrenti milli takkwista u timporta f'Malta *Blue Fin Tuna* ghall-allevamenti taghha. Huwa iggustifika dan l-agir peress illi sostna li kien marbut jenforza r-regolament tal-Kummissjoni Ewropea numru 530/08 appena citat. Din il-projbizzjoni min-naha tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd kienet tkopri mhux biss tonn maqbud fl-ibhra komunitarji izda kienet estiza wkoll ghal *Blue Fin Tuna* maqbud barra l-ibhra komunitarji taht l-awspici tat-Trattat ICCAT. B'rizultat ta' dan is-socjeta' rikorrenti issostni li hija ma setghetx takkwista l-kwota ta' tonn spettanti lilha, minkejja li kellha dritt, rikonoxxut mill-Unjoni Eqropeja, sabiex tpoggi t-tunnellagg specifikat fl-allevamenti taghha.

3.4 Fis-16 ta' Gunju 2008, id-data stabbilita mir-Regolament 530/2008 ghall-impozizzjoni tar-restrizzjonijiet, is-socjeta' rikorrenti kienet lahqet akkwistat biss 465,500 kilogrammi ta' *Blue Fin Tuna* mill-kwoti li kienet xtrat u kien baqghalha ghalhekk takkwista 1,369,829 kilo iehor biex tilhaq il-kwota spettanti lilha, u dan meta kienet diga' dahlet f'kuntratti ghall-akkwist tal-

kwota shiha. Minhabba d-divjet tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni numru 530/2008 is-socjeta’ rikorrenti meta sabet ruhha f’din is-sitwazzjoni giet ukoll prekluza milli takkwista r-rimanenti kwota ta’ *Blue Fin Tuna* spettanti lilha billi tirrikorri ghal sajjieda tat-tonn extrakomunitarji li joperaw fil-Mediterran u fil-konfront ta’ liema l-Kummissjoni ma setghetx timponi limitazzjonijiet ghall-utilizzazzjoni tal-kwoti nazzjonali kif assenjati mill-ICCAT.

3.5 Billi r-rikorrenti hassew ruhhom aggravati bl-agir tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd f’Malta, ipprocedew bil-kawza prezenti wara li kienu intimawh permezz ta’ ittra ufficjali sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kkagunati bl-agir tieghu.

3.6 Ir-Regolament 530/2008 allura jaffettwa lis-socjeta’ rikorrenti b’zewg modi: l-ewwel nett billi jipprojbixxi lis-sajjieda Taljani u Francizi li maghhom ikkuntrattat is-socjeta’ rikorrenti milli jistadu l-kwota spettanti lilhom u b’hekk ipprojbiet lis-socjeta’ rikorrenti milli takkwista l-kwota mehtiega ghall-attivita’ taghha ta’ trobbija u tismin ta’ *Blue Fin Tuna*; fit-tieni lok billi jipprojbixxi lis-socjeta’ rikorrenti milli takkwista r-rimanenti parti tal-kwota spettanti lilha minghand sajjieda ohra kienu liema kienu, anke extrakomunitarji, u dan billi r-Regolament jipprojbixxi lis-socjeta’ rikorrenti milli taghmel kwalsijasi operazzjoni ta’ akkwist ta’ *Blue Fin Tuna* ‘ghat-tismin jew ghat-trobbija’ mis-16 ta’ Gunju 2008 ’l hemm.

3.7 Bhalissa hemm ukoll pendenti quddiem il-Qorti ta’ Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej proceduri fl-ismijet *AJD Tuna Limited* vs *Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* bin-numru T-329/08 ghall-impunjazzjoni tal-imsemmi Regolament tal-Kummissjoni Numru 530/2008, permezz ta’ liema proceduri qieghed jigi premess mir-rikorrenti illi tali Regolament huwa null u ineffikaci in kwanti jzomm lill-allevaturi tat-tonn milli jakkwistaw tonn ghall-allevamenti taghhom.

3.8 Il-fatti surreferiti jirrizultaw mill-atti skond id-dokumenti esibiti mis-socjeta’ rikorrenti u d-dikjarazzjoni

tal-fatti kontenuta fir-rikors guramentat tal-istess socjeta' rikorrenti u ma jinsabux kontradetti mill-intimati.

## 4. REGOLI TA' LIGI NAZZJONALI (SOSTANTIVA U PROCEDURALI) LI HUMA TA' RILEVANZA GHALL-KWISTJONI

4.1 Ir-regoli ta' ligi Maltija li huma ta' rilevanza fil-prezenti kawza huma s-segwenti :

4.1.1 L-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) :

*(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*
*(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*
*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;*
*jew*
*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil; jew*
*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.*

*(2) F'dan l-artikolu -*
*"eghmil amministrattiv" tfisser il-hrugta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*

*Izda, hlief f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenhtieg taghti decizjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma taghtix decizjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut ghall-finijiet ta' din it-tifsira;*
*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi.*

*(3) Kawza biex twaqqa' eghmil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv.*

*(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra.*

*(5) F'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata ta' l-awtorità pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qort meta minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra.*

*(6) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull disposizzjoni ohra ta' din il-ligi u ta' kull ligi ohra, servizz mal-Gvern hu rapport specjali regolat b'disposizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern, u ebda ligi jew disposizzjoni taghha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, ghal servizz mal-Gvern hlief safejn dik il-ligi ma tipprovdix xort'ohra.*

4.1.2 L-Artikolu 21 tal-Avviz Legali Numru 279 tal-2008 intitolat Regoli ta’ l-2008 dwar il-Prattika u l-Procedura Civili mahrug taht il-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) li bih gew formolati normi li jirregolaw il-procedura tar-referenza mill-Qrati Nazzjonali ghall-Qorti tal-Gustizza tal-Komunitajiet Ewropej:

*(1) Ghandha tkun ir-responsabbiltà tal-qorti, u mhux tal-partijiet, li thejji t-termini ta’ referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Ir-referenza ghandha tidentifika b’mod car, fil-qosor u semplici kemm tippermetti n-natura tal-kaz, id-domanda li ghaliha l-qorti Maltija trid tikseb risposta. Huwa ferm desiderabbli li jintuza kliem li jista’ jigi tradott facilment.*

*(2) Il-qorti li taghmel ir-referenza ghandha f’dokument wiehed skedat ma’ l-ordni:*
*(a) tidentifika l-partijiet u tigbor fil-qosor in-natura u l-istorja tal-procedimenti;*
*(b) tigbor fil-qosor il-fatti principali, u tindika jekk dawn gewx ippruvati jew ammessi jew assunti;*
*(c) taghmel referenza ghar-regoli tal-ligi nazzjonali (sostantiva u procedurali) li huma ta’ rilevanza ghall-kwistjoni;*
*(d) tigbor fil-qosor l-argumenti tal-partijiet sakemm ikun rilevanti;*
*(e) tispjega ghaliex qed tintalab decizjoni mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, billi jigu identifikati d-disposizzjonijiet tad-dritt komunitarju li l-effett taghhom jolqot il-kwistjoni;*
*(f) tifformula, minghajr kumplessità zejda, id-domanda jew domandi li ghaliha jew ghalihom tintalab risposta.*
*(3) Meta d-dokument huwa fil-fatt digriet, u spiss dan ikun konvenjenti, is-siltiet li m’humiex rilevanti ghar-referenza ghandhom jitnehhew mit-test skedat fl-ordni. Ghandu jigi evitat li jigu inkorporati appendicijiet, annessi jew dokumenti mehmuzin bhala parti mid-dokument, sakemm is-siltiet rilevanti ma jkunux jistghu jigu tradotti facilment u huma identifikati b’mod car.*
*(4) Il-qorti li taghmel ir-referenza ghandha tizgura li l-ordni ta’ referenza, meta jigi finalizzat, jintbaghat minnufih lir-*

*Registratur, Qrati Civili u Tribunali, jew lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali f'G]awdex, skond kif ikun il-kaz, biex ikun jista' jigi trasmess lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej minghajr dewmien.*
*(5) Ghandu jitnizzel b'mod car l-isem tal-qorti li taghmel ir-referenza.*

## 5. L-ARGUMENTI TAL-PARTIJIET FIL-QOSOR

5.1 Is-socjeta' rikorrenti issostni li l-agir tal-intimat Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd meta zamm lill-istess socjeta' rikorrenti milli takkwista *Blue Fin Tuna* ghall-allevamenti taghha kien illegali, abbuziv u irragonevoli u qieghda ghalhekk titlob kundanna f'dan is-sens kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnha u l-hlas tal-istess mill-intimati.

5.2 L-intimati fis-sustanza tar-risposta guramentata taghhom eccepew (i) preliminarjament u minghajr pregudizzju illi l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kuntradittur ghall-ilmenti tar-rikorrenti u ghaldaqstant ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) illi l-intimati qatt ma agixxew b'mod abbuziv, illegali jew mhux ragjonevoli kif ippremettiet is-socjeta' rikorrenti; (iii) illi l-agir tal-intimat kien fil-fatt legali u skond l-obbligi li kellu skond il-ligi u skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008, skond liema regolament l-intimat kellu l-obbligu li jwaqqaf lir-rikorrenti milli takkwista hut maqbud band'ohra; (iv) illi fil-kaz tal-ezistenza ta' proceduri pendenti quddiem il-Kummissjoni Ewropea dan ma jkunx ifisser li tezisti xi raguni valida li a bazi taghha l-intimati jkunu gustifikati li f'xi punt jiddezistu milli jagixxu skond il-ligi; (v) illi s-socjeta' rikorrenti ma sofriet ebda danni b'rizultat tal-agit tal-intimati, anzi jekk jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti soffriet xi danni dawn ma gewx sofferti bhala rizultat ta' xi agir min-naha tar-rikorrenti, u minhabba f'hekk l-intimati m'ghandhomx jigu ikkundannati jhallsu ebda danni lis-socjeta' rikorrenti.

5.3 Rigward il-validita' tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008, ir-rikorrenti jiccitaw diversi

ragunijiet bhala l-bazi tal-argument taghhom li l-imsemmi Regolament huwa invalidu:

5.3.1 Is-socjeta' rikorrenti issostni illi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 huwa **nieqes minn motivazzjoni adekwata** skond ma jitlob l-Artikolu 253 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita' Ewropea. Dan peress illi dan ir-Regolament gie maghmul in forza tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2371/2002 tal-20 ta' Dicembru 2002 li jipprovdi illi l-Kummissjoni tista' tiddeciedi fuq mizuri ta' emergenza ta' massimu ta' sitt xhur jekk ikun jidher li hemm xi theddida serja ghall-konservazzjoni ta' rizorsi akwatici hajjin. L-argument tas-socjeta' rikorrenti huwa illi r-Regolament tal-Kummissjoni Numru 530/2008 ma jiggustifikax sufficjentement ir-ragunijiet ghat-tehid tal-mizuri ta' emergenza li hadet il-Kummissjoni. Is-socjeta' rikorrenti taghmel referenza ghal kazistika tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-imsemmi Artikolu 253 tat-Trattat[3] li tghid illi l-motivazzjoni ta' legislazzjoni ghandha tkun adekwata ghan-natura tal-att in kwistjoni u ghandha ukoll turi b'mod car u inekwivoku l-*iter* logiku li fuqu tkun imxiet l-istituzzjoni legislattiva b'tali mod li tippermetti lill-gudikant jezercita l-kontroll tieghu u tippermetti lill-partijiet interessati li jkunu jafu bir-ragunijiet wara l-att biex hekk ikunu jistghu iqisu l-firxa ta' applikabilita' u l-fondatezza tal-istess att. Is-socjeta' rikorrenti tinnota illi kif jidher mill-Premessa Numru 6 tar-Regolament 530/2008 il-mizura mehuda mill-Kummissjoni hija motivata semplicement b'dan il-mod: 'Id-dejta li għandha, kif ukoll it-tagħrif miksub mill-ispetturi tal-Kummissjoni matul il-missjonijiet tagħhom fl-Istati Membri kkonċernati, juru li l-opportunitajiet ta' sajd tat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran allokati lil bastimenti li jistadu bil-*purse seines* li jtajru l-bandiera tal-Greċja, ta' Franza, ta' l-

[3] Sentenza tat-22 ta' Jannar 1986, kawza 250/84, *Eridania*; sentenza tal-14 ta' Frar 1990, kawza C-350/88, *Delacre*; sentenza tat-2 ta' April 1998, kawza C-367/95 P, *Kummissjoni* vs *Sytraval*; sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000, kawzi C-15/98 u C-105/99, *Italja* vs *Kummissjoni*; sentenza tal-5 ta' Ottubru 2000, kawza C-288/96, *Germanja/Kummissjoni*; sentenza tal-4 ta' Frar 1997, kawzi C-9/95, C-23/95 u C-156/95, *Belgju u Germanja* vs *Kummissjoni*; sentenza tal-15 ta' April 1997, kawza C-22/94, *Irish Farmers*; sentenza tas-6 ta' April 2000 tat-Tribunal tal-Ewwel Istanza, kawza T-188/98, *Kuijer/Consiglio*; sentenza tat-3 ta' Dicembru 2003, kawza T-16/02, *Audi/UAMI (TDI)*.

Italja, ta’ Ċipru u ta’ Malta jew li huma rreġistrati fihom se jitqiesu li ġew eżawriti fis-16 ta’ Ġunju 2008 u li l-opportunitajiet ta’ sajd għall-istess stokk allokati lil bastimenti li jistadu bil-*purse seines* li jtajru l-bandiera ta’ Spanja jew li huma rreġistrati fiha se jitqiesu li ġew eżawriti fit-23 ta’ Ġunju 2008.’ Is-socjeta’ rikorrenti tinnota illi ebda indikazzjoni ma giet moghtija rigward il-kontenut tal-informazzjoni jew tal-istatistika li ghalihom qieghda tirreferi din il-Premessa. Imbaghad fis-seba’ Premessa l-istess Regolament ikompli jghid hekk: ‘Il-kapaċità żejda tal-flotot ġiet ikkunsidrata mill-Kumitat Xjentifiku tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT) bħala l-fattur ewlieni li jista’ jwassal għall-kollass ta’ l-istokk tat-tonn tal-Lvant ta’ l-Atlantiku u tal-Mediterran. Il-kapaċità żejda tal-flotot toħloq riskju għoli ta' aktar sajd mil-livell permissibbli. Barra minn hekk, il-kapaċità ta’ sajd tal-ġurnata ta’ bastiment wieħed li jistad bil-*purse seines* tant huwa għoli li l-livell ta’ sajd tal-ġurnata jista’ jintlaħaq jew jinqabeż malajr ħafna. F’dawn iċ-ċirkustanzi, kwalunkwe sajd żejjed minn din il-flotta joħloq theddida serja għall-konservazzjoni ta’ l-istokk tat-tonn.’ Fil-paragrafu numru 8 tal-Premessi jinghad ukoll illi ‘Il-Kummissjoni qiegħda timmonitorja mill-qrib il-konformità mar-rekwiżiti kollha tar-regoli Komunitarji rilevanti mill-Istati Membri matul il-kampanja ta’ sajd għat-tonn ta’ l-2008. It-tagħrif li għandha, kif ukoll it-tagħrif li nkiseb mill-ispetturi tal-Kummissjoni, juri li l-Istati Membri kkonċernati ma assigurawx konformità sħiħa mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1559/2007.’ Is-socjeta’ rikorrenti tinnota illi r-Regolament Numru 530/2008 imkien ma jaghti hjiel ta’ x’kienu l-allegati vjolazzjonijiet tar-regolament 1559/2007. Il-mizura mehuda permezz tal-Artikolu 3 hija iggustifikata permezz tal-Premessa numru 10 li tghid, ‘Sabiex tiġi rrinforzata l-effettività ta’ dawn il-miżuri mfassla biex jevitaw theddida serja għall-konservazzjoni ta’ l-istokkijiet tat-tonn, operaturi Komunitarji għandhom ukoll jiġu pprojbiti milli jaċċettaw il-ħatt l-art, it-tqegħid f’gaġeġ għat-trobbija jew għat-tismin u t-trażbordi ta' tonn maqbud minn bastimenti li jistadu bil-*purse seines* fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u l-Mediterran.’ Is-socjeta’ rikorrenti tqis illi hemm sahansitra assenza totali ta’ ragunijiet ghall-projbizzjoni imposta

permezz tar-Regolament 530/2008 li jippermettu li wiehed jidentifika r-riskju gravi ghall-konservazzjoni tat-tonn. Difatti, tghid is-socjeta' rikorrenti, il-Kummissjoni naqset milli tippubblika d-dokumentazzjoni u l-istatistika li ghaliha qieghda tirreferi u lanqas ma indikat il-partikolaritajiet li jistghu iservu biex din l-informazzjoni tigi identifikata (bhal per ezempju d-data li fiha din l-informazzjoni giet migbura). Is-socjeta' rikorrenti tghid illi l-fondatezza u l-gustifikazzjoni ta' dan ir-Regolament m'humiex possibbli minghajr tali informazzjoni u l-Premessi numerati 6 sa 10 fir-Regolament imsemmi m'humhiex sufficjenti biex jiggustifikaw il-mizuri li ttiehdu ghaliex ma jaghtux stampa cara bizzejjed lill-gudikant u lill-partijiet interessati tal-motivazzjoni vera li induciet lill-Kummissjoni tirrikorri ghal mizura daqshekk gravi u eccezzjonali. Is-socjeta' rikorrenti issostni illi r-rekwizit tal-motivazzjoni, aktar u aktar f'kamp fejn il-mizura hija wahda straordinarja, ma jistax jinghad li jkun pjenament sodisfatt b'semplici frazijiet bhal 'ghandhom ukoll jigu ipprojbiti' (Premessa numru 10 tar-Regolament) jew 'Id-dejta li ghandha [l-Kummissjoni]' (Premessa numru 6 tar-Regolament); dan aktar u aktar meta d-divjet introdott kien jirreferi ghal allegat ezawriment tal-kwoti mhux attwali izda *futur*. Inoltre s-socjeta' rikorrenti issostni illi l-projbizzjoni introdotta permezz tal-Artikolu 3 hija separata mill-projbizzjoni fl-Artikolu 1 u hija konsegwentement nieqsa minn kwalsijasi motivazzjoni partikolari ghaliha. Dan b'mod partikolari meta wiehed iqis li l-Kummissjoni m'ghandhiex raguni fuq x'hiex tirritjeni illi s-sajjieda extrakomunitarji issuperaw il-kwota assenjata lilhom u lill-Istat li tieghu igorru l-bandiera. Barra minn hekk is-socjeta' rikorrenti issostni illi l-*iter* logiku segwit mill-Kummissjoni m'huwiex car bizzejjed biex jaghti indikazzjoni tal-motivazzjoni tal-Kummissjoni. Fl-ahhar nett is-socjeta' rikorrenti tikkwota gurisprudenza fis-sens illi l-obbligu tal-motivazzjoni f'kazijiet bhal dak tar-Regolament koncernat ikun aktar gravi peress illi (i) r-Regolament jidderoga minn regoli ohra generali biex jipprovdi rimedju straordinarju, u (ii) ir-Regolament attakkat minnu nnifsu jistrieh fuq Regolament iehor.[4]

[4] Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, Kawza C-120/99, *Repubblika tal-Italja* vs *Kunsill*.

5.3.2 Fit-tieni lok is-socjeta' rikorrenti issostni illi r-Regolament Numru 530/2008, kemm fl-Ewwel kif ukoll fit-Tielet Artikolu tieghu, jivvjola r-Regolament bazi numru 2371/2002 u dan peress illi la jindika il-prezenza ta' theddida serja u lanqas il-htiega ta' azzjoni immedjata, liema zewg kundizzjonijiet kumulattivi huma indispensabbli sabiex tkun tista' tittiehed decizjoni bhal dik mehuda bir-Regolament numru 530/2008. Difatti s-socjeta' rikorrenti tirrileva illi l-Kummissjoni naqset milli tiggustifika r-ragunijiet li ghalihom irrikorriet ghal din il-mizura minflok ma uzat il-mezz tal-Artikolu 26 tar-Regolament numru 2371/2002 (kif sar drabi ohra[5]) u illi qabel ma gie promulgat ir-Regolament numru 530/2008 l-Artikolu 7 tar-Regolament numru 2371/2002 qatt ma gie uzat fil-kors ta' kampanja ta' sajd ghall-iskop uniku li ssir reazzjoni ghall-allegat superament tal-kwoti tas-sajd min-naha ta' wiehed jew aktar Stati Membri. Ghall-kuntrarju kull meta gie uzat l-imsemmi artikolu (ara Regolamenti tal-Kummissjoni Ewropea Numru 677/2003 tal-14 ta' April 2003; Numru 1037/2005 tal-10 ta' Lulju 2005; Numru 1539/2005 tat-22 ta' Settembru 2005) dejjem kien hemm gustifikazzjoni tal-ezistenza ta' riskju gravi ghall-konservazzjoni tar-rizorsi jew l-ekosistema, liema riskju gravi qatt ma gie prezunt izda dejjem gie ibbazat fuq rakkomandazzjonijiet ta' entitajiet internazzjonali u studji u analazi xjentifici. Is-socjeta' rikorrenti tirrileva ukoll illi l-Artikolu 26 tar-Regolament bazi Numru 2371/2002 jipprovdi wkoll fis-subparagrafu 3 ghal mizuri komparattivament ordinarji li jistghu jittiehdu f'kaz ta' riskju ta' theddida serja ghall-konservazzjoni ta' rizorsi akwatici hajjin u jipprovdi li tali mizura jehtieg tkun 'fi proporzjon' mar-riskju identifikat, izda l-Kummissjoni ghazlet li tirrikorri ghall-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament. Is-socjeta' rikorrenti tghid ukoll illi meta fil-Premessa Numru 7 tar-Regolament Numru 530/2008 jinghad illi 'F'dawn iċ-ċirkustanzi, kwalunkwe sajd żejjed minn din il-flotta joħloq theddida serja għall-konservazzjoni ta' l-istokk tat-tonn', dan jammonta biss ghal ipotesi jew assunzjoni dwar il-

[5] Ara Regolament tal-Kummissjoni Numru 1073/2007 tad-19 ta' Settembru 2007 u Regolament tal-Kummissjoni Numru 999/2007 tat-28 ta' Awwissu 2007).

futur u ghaldaqstant ma tezistix it-theddida gravi reali jew il-htiega immedjata li tittiehed azzjoni kif irid l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bazi. Anke l-kriterju tal-imminenza jirrizulta li m'huwhiex sodisfatt peress illi huwa sustanzjat merament b'ipotesi, u cioe' illi 'l-livell ta' sajd tal-ġurnata jista' jintlaħaq jew jinqabeż malajr ħafna'. Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti tirritjeni illi l-ebda wiehed miz-zewg rekwiziti kumulattivi biex tittiehed tali mizura (l-ezistenza ta' theddida serja i u l-htiega li tittiehed azzjoni immedjata) ma gie sufficjentement ippruvat u issustanzjat.

5.3.3 Fit-tielet lok is-socjeta' rikorrenti issostni ukoll illi r-Regolament Numru 530/2008 imur kontra l-principju tal-aspettativi legittimi li fis-sentenza tal-Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-3 ta' Mejju 1978 *Töpfer I Ohrjan*[6] gie espressament definit bhala 'parti mill-ordinament guridiku komunitarju'. Dan ghaliex r-rikorrenti, bhala allevaturi tat-tonn kellhom id-dritt li jakkwistaw tunnellagg determinat rikonoxxut u approvat mill-Unjoni Ewropeja. F'dan il-kuntest jinghad li r-rikorrenti ma humiex sajjieda u gew milquta minn Regolament li huwa evidentement intiz biex irazzan is-Sajd. Is-socjeta' rikorrenti agixxiet konformement mal-limitazzjonijiet imposti u in bazi tar-regoli u n-normi ezistenti, fosthom ir-Regolament Numru 446/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li inqas minn xahar qabel ma gie implimentat ir-Regolament 530/2008 kien iddelinea mill-gdid l-i*stock* li kien imiss lis-sajjieda Taljani u Francizi. Dan ifisser illi l-mod imprevist li bih inqalbet il-folja kien jivvjola l-aspettativi legittimi tas-socjeta' rikorrenti, bi hsara ghal-liberta' ekonomika tar-rikorrenti li dahlet fi spejjez minhabba li ghamlet investimenti notevoli u li jqumu l-flus. Ir-Regolament Numru 530/2008 imur ukoll kontra l-objettivi tal-Politika Komuni dwar is-Sajd kif indikati fit-Tieni Artikolu tar-Regolament Numru 2371/2002 tal-20 ta' Dicembru 2002. Is-socjeta' rikorrenti ghalhekk tissottometti illi l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Numru 2371/2002 irid jigi interpretat b'mod rigoruz fid-dawl tal-principji tad-Dritt Komunitarju u tal-Artikolu 2 tal-istess Regolament Numru 2371/2008. Is-socjeta' rikorrenti tirrileva ukoll illi ma huwiex lecitu li l-

[6] Kaz 112/77 [1978] ECR 1019, paragrafu 19.

eventwali vjolazzjoni da parti ta' xi Stat Membru tal-obbligi assunti minnu rispettivament ghall-kontroll fuq ir-ripartizzjoni tal-kwoti tas-sajd tat-tonn tigi sofruta minn operaturi individwali li jkunu qed jezercitaw id-drittijiet ekonomici taghhom kif garantiti lilhom fit-Trattat stess.

5.3.4 Fir-raba' lok, is-socjeta' rikorrenti tirriskontra vjolazzjoni tal-principju tal-proporzjonalita' fir-Regolament Numru 530/2008. B'mod partikolari, il-mizuri mehuda permezz tal-Artikolu 3 tar-Regolament Numru 530/2008 huma totalment sproporzjonati meta mqabbla mal-oggettiv tal-Kummissjoni ghaliex ma humiex necessarji biex jissalvagwardjaw il-hazna tat-tonn. Dan jinghad b'mod partikolari ghaliex l-imsemmi Artikolu 3 tar-Regolament Numru 530/2008 jfisser illi s-socjeta' rikorrenti (i) ma tistax iggestixxi attivita' ta' hatt fl-art jew tqeghid f'gageg ta' tonn bl-iskop li tkabbar u ssemmen l-istess anke rispettivament ghal tonn maqbud precedentement u li ghalhekk ikun perfettament f'konformita' mar-Regolament 530/2008; u (ii) ma tistax tisvolgi dawn l-attivitajiet rispettivament ghal tonn maqbud minn sajjieda li l-bastimenti taghhom ma jtajrux il-bandiera ta' xi wiehed mill-Istati Membri elenkati fl-Ewwel Artikolu tar-Regolament Numru 530/2008 anke jekk dan it-tonn ikun gie maqbud konformement mal-kwoti stabiliti mill-ICCAT. Il-Kummissjoni naqset ukoll milli turi illi l-mizura li kienet sejra tiehu kienet sejra tikkontribwixxi ghat-tkabbir mill-gdid tal-hazna tat-tonn, u minn hawn ukoll tohrog in-nuqqas ta' proporzjonalita'. Barra minn hekk, il-mizuri li hadet il-Kummissjoni kienu selettivi u ghalhekk ukoll nieqsa mill-proporzjonalita'. Is-socjeta' rikorrenti tirrileva ukoll illi r-Regolament Numru 530/2008 jaghmel eccezzjoni ingustifikata fir-rigward ta' sajjieda taht il-bandiera Spanjola b'tali mod illi dawk l-operaturi li jrabbu t-tonn u li ikkuntrattaw ma' sajjieda Spanjoli sabiex jakkwistaw il-kwota taghhom gawdew minn vantagg peress li kellhom cans ta' sebat ijiem izjed biex jakkwistaw il-kwota taghhom. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-proporzjonalita' s-socjeta' rikorrenti tirrileva ukoll illi l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Numru 2371/2002 jikkostitwixxi deroga ta' ordni eccezzjonali mir-Regolamenti 1559/2007, 40/2008 u 446/2008 u kwindi ma jistax jigi utilizzat kapriccjozament u sproporzjonaliment.

Bhala deroga eccezzjonali, l-imsemmi Artikolu 7(1) ghalhekk huwa soggett ghal interpretazzjoni partikolarment rigoruza rigward in-necessita’ tal-mizuri mehuda. Mhux bizzejjed li l-mizuri jkunu utli jew opportuni, izda jehtieg li dawn ikunu verament necessarji biex tigi salvagwardjata l-konservazzjoni tar-rizorsi u l-ekosistema marittima; altrimenti l-mizura ma tkunx konformi mal-principji tad-Dritt Komunitarju. Fl-ebda hin il-Kummissjoni ma ippruvat illi l-mizuri li ttiehdu kienu assolutament necessarji, fuq il-bazi tal-informazzjoni u l-istatistika li kellha, biex il-pjan ta’ rikostituzzjoni stabilit mir-Regolament Numru 1559/2007 ma jigix imfixkel u illi in mankanza t-tonn kien ser jigi estint. Il-mizura li ttiehdet ma kienitx tohloq bilanc bejn il-htiega tal-protezzjoni tal-ambjent u l-bzonn li jigi minimalizzat il-pregudizzju ghall-operaturi fl-ezercizzju tal-liberta’ ekonomika taghhom kif garantita permezz tat-Trattat.

5.3.5 Il-hames motiv ta’ invalidita’ citat mis-socjeta’ rikorrenti huwa bbazat fuq il-fatt illi l-mizura adottata hija irragonevoli u diskriminatorja fuq il-bazi tan-nazzjonalita’ riferibbilment ghall-Artikolu 12 tat-Trattat. Dan ghaliex kemm l-Artikolu 1 kif ukoll l-Artikolu 3 tar-Regolament 530/2008 johloq distinzjoni fid-data ta’ meta l-mizuri jidhlu fis-sehh, liema distinzjoni tivvantaggja bastimenti li jtajru l-bandiera Spanjola mentri s-socjeta’ rikorrenti kellha relazzjonijiet kuntrattwali ma’ bastimenti Taljani u Francizi. Inoltre ma hemm ebda indikazzjoni, la fl-imsemmi Regolament u lanqas f’xi regola ohra ta’ ligi Komunitarja, li tiggustifika l-motivazzjoni ta’ tali differenza. Is-socjeta’ rikorrenti tirrileva ukoll illi huwa irragonevoli li fuq il-pretesa ta’ riskju imminenti gravi l-bastimenti ta’ nazzjonalita’ partikolari jinghataw vantagg ta’ gimgha; specjalment meta wiehed iqis illi s-sajd ghat-tonn huwa temporalment limitat u l-istagun ikun prattikament ghalaq fit-30 ta’ Gunju, ikun vantagg kompetittiv u ekonomiku enormi li l-bastimenti Spanjoli jithallew jezercitaw l-attivita’ taghhom sat-23 ta’ Gunju mentri l-bastimenti ta’ Stati ohra jinghataw biss sas-16 ta’ Gunju. Fi kwalsijasi kaz, il-fatt li l-Kummissjoni ippermettiet terminu itwal fir-rigward ta’ bastimenti Spanjoli jindika illi ma kienitx tissustisti n-necessarja imminenza tal-perikolu.

5.3.6 Fis-sitt lok is-socjeta' rikorrenti tilmenta illi r-Regolament Numru 530/2008 ma kienx precedut minn xi forma ta' involviment tal-partijiet interessati jew kontestazzjoni tal-operazzjonijiet. Dan minkejja l-fatt illi l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Numru 2371/2002 jikkontempla l-possibilita' li l-Istati Membri jibaghtu l-kummenti taghhom bil-miktub lill-Kummissjoni fi zmien hamest ijiet tax-xoghol wara li tkun saret it-talba ghal mizuri ta' emergenza. Ghalkemm dan ir-rekwizit jidher formalment rikjest biss meta t-talba torigina minn Stat Membru, jibqa' l-fatt illi l-principju tal-*audi alteram partem* japplika bhala principju generali tad-dritt Komunitarju u ghaldaqstant ghandu jigi rispettat il-principju tal-kontradittorju. Is-socjeta' rikorrenti tikkontendi ukoll illi jekk il-principju tal-kuntradittorju jigi meqjus li m'ghandux japplika f'dan il-kaz, allura l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Numru 2371/2008 ikun qieghed jivvjola l-principju ta' gustizzja kif protett permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

5.4 Min-naha taghhom l-intimati jsostnu illi l-agir tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd kien konformi u anzi kien in ezekuzzjoni tal-obbligi imposti fuqu b'rizultat tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008.

**6. RAGUNI LI GHALIHA QED TINTALAB DECIZJONI MILL-QORTI TA' GUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (DISPOZIZZJONIJIET TA' DRITT KOMUNITARJU LI L-EFFETT TAGHHOM JOLQOT IL-KWISTJONI)**

6.1 Illi din l-ordni ta' referenza qieghda ssir minhabba illi l-agir tal-intimat Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd meta ta l-ordni li biha s-socjeta' rikorrenti inzammet milli takkwista tonn haj ghall-allevamenti taghha ma jistax jigi issindakat qabel ma jigi determinat jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 li fuq il-bazi tieghu huwa agixxa huwiex validu jew le, u din hija kwistjoni li dwarha jinhtieg li tinghata sentenza preliminari mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Inoltre hemm ukoll il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tal-imsemmi

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 u cioe’ jekk dan l-Artikolu ghandux jigi interpretat bhala projbizzjoni riferibbli ghal tonn maqbud fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran minn *purse seiners* Komunitarji jew ukoll tonn maqbud legalment fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran minn *purse seiners* extra-Komunitarji, u dana peress illi l-ordni tad-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd kienet tolqot kemm tonn maqbud fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran minn *purse seiners* Komunitarji kif ukoll tonn maqbud legalment fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran minn *purse seiners* extra-Komunitarji.

6.2 Illi sal-lum il-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ghadha ma ppronunzjatx ruhha fuq il-validita’ jew l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 ghad illi attwalment hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti ta’ Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fl-ismijet *AJD Tuna Limited* vs *Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* bin-numru T-329/08 ghall-impunjazzjoni tal-imsemmi Regolament tal-Kummissjoni Numru 530/2008.

6.3 L-Artikoli ta’ Dritt Komunitarji rilevanti ghall-prezenti kawza huma s-segwenti:

6.3.1 L-Artikolu 234 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita’ Ewropea :

*Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha l-kompetenza li tagħti sentenzi preliminari dwar:*
*a) l-interpretazzjoni ta’ dan it-Trattat;*
*b) il-validità u l-interpretazzjoni ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità u tal-BĊE;*
*ċ) l-interpretazzjoni ta’ l-istatuti ta’ korpi kostitwiti b'xi att tal-Kunsill, meta dawk l-istatuti jkunu hekk jipprovdu.*

*Meta l-kwistjoni titqajjem quddiem xi qorti jew tribunal ta’ xi Stat Membru, dik il-Qorti jew tribunal jistgħu, jekk ikun jidhrilhom li deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni tkun meħtieġa*

*sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti deċiżjoni dwarha.*

*Meta l-kwistjoni titqajjem f'każ pendenti quddiem xi qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra id-deċiżjonijiet tiegħu ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal, għandhom jirriferu l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

6.3.2 L-Artikolu 253 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita' Ewropea :

*Ir-regolamenti, id-direttivi u d-deċiżjonijiet adottati konġuntement mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kif ukoll dawk l-atti adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, għandhom jindikaw ir-raġunijiet li jkunu ibbażati fuqhom, u għandhom jagħmlu riferenza għal kull proposta jew opinjoni li kienu meħtieġa li jinkisbu skond ma' dan it-Trattat.*

6.3.3 L-Artikolu 2 tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2371/2002 tal-20 ta' Dicembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd (Gurnal Ufficjali L358, 31.12.2002, p.59) :

*1. Il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tiżgura l-isfruttar tar-riżorsi akwatiċi ħajjin li joħolqu kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.*
*Għal dan il-għan, il-Komunità għandha tapplika trattament kawt fit-teħid ta' miżuri maħsuba biex iħarsu u jikkonservaw riżorsi akwatiċi ħajjin, biex jaħsbu għall-isfruttar sostenibbli tagħhom u biex inaqqsu kemm jista' jkun l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd fuq l-eko-sistemi tal-baħar. Għandha timmira lejn implimentazzjoni progressiva ta' trattament bażat fuq eko-sistema fl-amministrazzjoni ta' żoni tas-sajd. Għandha timmira biex tikkontribwixxi għal attivitajiet ta' sajd effiċjenti f'industrija ta' sajd u akwakultura ekonomikament vijabbli u kompetittiva.*

*2. Il-Politika Komuni dwar is-Sajd għandha tiġi gwidata mill-prinċipji li ġejjin ta' governanza tajba:*

*(a) definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet tal-Komunità, f'livelli nazzjonali u lokali;*
*(b) proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet bażat fuq pariri xjentifiċi sodi li jagħtu riżultati fil-ħinijiet mistennija;*
*(ċ) involviment wiesgħa ta' dawk kollha li għandhom xi interess fl-istadji kollha tal-politika mill-konċepiment sa l-implimentazzjoni;*
*(d) konsistenza ma' politika oħra tal-Komunità, b'mod partikolari ma' politika ambjentali, soċjali, dwar żvilupp, saħħa u ħarsien tal-konsumatur.*

6.3.4 L-Artikolu 7 tar-Regolament numru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd :

*1. Jekk ikun jidher li hemm xi theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, jew għall-eko-sistema tal-baħar b'riżultat ta' attivitajiet tas-sajd u jkun hemm bżonn ta' azzjoni immedjata, il-Kummissjoni, fuq it-talba sostanzjata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq xi miżuri ta' emerġenza li m'għandhomx ikunu għal aktar minn sitt xhur. Il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni ġdida biex ittawwal iż-żmien dwar il-miżuri ta' emerġenza b'mhux aktar minn sitt xhur.*
*2. L-Istat Membru għandu jgħaddi t-talba fl-istess ħin lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali konċernati. Jistgħu jibagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li tkun waslet ittalba. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata wara l-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 1.*
*3. Il-miżuri ta' emerġenza għandhom jibdew iseħħu minnufih. Għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri konċernati, u pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.*
*4. L-Istati Membri konċernati jistgħu jirreferu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10 ġranet mill-wasla tan-notifikazzjoni.*
*5. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar mill-wasla tat-talba riferita lilu.*

6.3.5 L-Artikolu 26(3) tar-Regolament numru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd :

*Jekk ikun hemm xhieda ta' riskju li l-attivitajiet tas-sajd li twettqu f'żona ġeografika partikolari jistgħu iwasslu għal theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri ta' prevenzjoni.*
*Dawn il-miżuri għandhom ikunu fi proporzjon għar-riskju ta' theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin.*
*M'għandhomx idumu iżjed minn tliet ġimgħat. Jistgħu jiġu mtawla għal massimu ta' sitt xhur, safejn ikun meħtieġ għall-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, b'deċiżjoni meħuda skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30(2).*
*Il-miżuri għandhom jitwaqqfu minnufih meta l-Kummissjoni tara li r-riskju m'għadux hemm.*

6.3.5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1559/2007 tas-17 ta' Dicembru 2007 li jistabilixxi pjan pluriennali ghall-irkupru tat-Tonn fl-Atlantiku u fil-Mediterran (Gurnal Ufficjali, 22.12.2007, L 340/8).

6.3.6 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 677/2003 tal-14 ta' April 2003 '*establishing emergency measures for the recovery of the cod stock in the Baltic Sea*' (Gurnal Ufficjali, 15.4.2003, L 97/31).

6.3.7 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 1037/2005 tal-1 ta' Lulju 2005 '*establishing measures for the protection and recovery of the anchovy stock in ICES Sub-area VIII*' (Gurnal Ufficjali, 2.7.2005, L 171/24).

6.3.8 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 1539/2005 tat-22 ta' Settembru '*extending the emergency measures for the protection and recovery of the anchovy stock in ICES sub-area VIII*' (Gurnal Ufficjali L247, 23.09.2005, p.0009-0009).

6.3.9 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 446/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 li jadatta ċerti kwoti tat-tonn fl-2008 skond l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-

Kunsill (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni (Gurnal Ufficjali, 23.5.2008, L 134/11).

6.3.10 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid (Gurnal Ufficjali, 23.1.2008, L 19/1).

6.3.11 L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Gurnal Ufficjali, 14.12.2007, C 303/01):

*Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt*
*għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*
*Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti*
*u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tieħu parir,*
*ikollha difiża u tkun irrappreżentata.*
*Għandha tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din lgħajnuna*
*hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.*

## 7. FORMULAZZJONI TAD-DOMANDI

Ghaldaqstant din il-Qorti, tenut kont ta' dak kollu suespost, qieghda tirreferi is-segwenti mistoqsijiet lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ghal sentenza preliminari skond l-Artikolu 234 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita' Ewropea :

(1) Jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008, in kwantu ma jiggustifikax sufficjentement ir-ragunijiet ghat-tehid tal-mizuri ta' emergenza adottati

permezz tal-Artikoli 1, 2 u 3 tal-istess Regolament u ma jaghtix stampa cara bizzejjed tal-motivazzjoni ta' tali mizuri, huwiex invalidu peress illi jivvjola l-Artikolu 253 tat-Trattat ;

(2) Jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008, in kwantu fil-Premessi tieghu ma jindikax adekwatament (i) l-ezistenza ta' theddida serja ghall-konservazzjoni ta' rizorsi akwatici hajjin jew ghall-ekosistema tal-bahar b'rizultat ta' attivitajiet tas-sajd u (ii) il-bzonn li tittiehed azzjoni immedjata, huwiex invalidu peress illi jivvjola l-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2371/2002 ;

(3) Jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 huwiex invalidu in kwantu l-mizuri li ttiehdu jcahhdu lil operaturi Komunitarji bhas-socjeta' rikorrenti mill-aspettativi legittimi taghhom mibnija fuq il-bazi tal-Ewwel Artikolu tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 446/2008 tat-22 ta' Mejju 2008 u tat-Tieni Artikolu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2371/2002 tal-20 ta' Dicembru 2002 ;

(4) Jekk l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 huwiex invalidu minhabba li jivvjola l-principju tal-proporzjonalita' in kwantu jfisser illi (i) ebda operatur Komunitarju ma jista' jgestixxi attivita' ta' hatt fl-art jew tqeghid f'gageg ta' tonn bl-iskop li jkabbar u jsemmen l-istess anke rispettivament ghal tonn maqbud precedentement u ghalhekk perfettament f'konformita' mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008; u (ii) ebda operatur Komunitarju ma jista' jisvolgi dawn l-attivitajiet rispettivament ghal tonn maqbud minn sajjieda li l-bastimenti taghhom ma jtajrux il-bandiera ta' xi wiehed mill-Istati Membri elenkati fl-Ewwel Artikolu tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 anke jekk dan it-tonn ikun gie maqbud konformement mal-kwoti stabiliti taht l-*International Convention for the Conservation of Atlantic Tunas* (ICCAT) ;

(5) Jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 huwiex invalidu minhabba li jivvjola l-principju tal-proporzjonalita' in kwantu l-Kummissjoni naqset milli turi illi l-mizura li kienet sejra tiehu kienet sejra tikkontribwixxi ghat-tkabbir mill-gdid tal-hazna tat-tonn ;

(6) Jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008, in kwantu jaghmel distinzjoni bejn *purse seiners* taht il-bandiera Spanjola u dawk taht il-bnadar tal-Grecja, l-Italja, Franza, Cipru u Malta, u in kwantu jaghmel distinzjoni bejn dawn is-sitt Stati Membri u Stati Membri ohra, huwiex invalidu minhabba li l-mizuri adottati huma irragonevoli u diskriminatorji fuq il-bazi tan-nazzjonalita' kontra l-Artikolu 12 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita' Ewropea;

(7) Jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008, in kwantu l-partijiet interessati u l-Istati Membri ma nghataw ebda cans li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom qabel it-tehid tad-decizjoni, huwiex invalidu minhabba li l-principji tal-gustizzja kif protetti permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea ma gewx rispettati ;

(8) Jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008, in kwantu l-partijiet interessati u l-Istati Membri ma nghataw ebda cans li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom qabel it-tehid tad-decizjoni, huwiex invalidu minhabba li l-principju tal-kuntradittorju (*audi alteram partem*) bhala principju generali tad-Dritt Komunitarju ma giex rispettat ;

(9) Jekk l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2371/2008 huwiex invalidu minhabba li l-principju tal-kuntradittorju (*audi alteram partem*) bhala principju generali tad-Dritt Komunitarju u/jew il-principji tal-gustizzja kif protetti permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea ma gewx rispettati, u konsegwentement jekk ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008, minhabba li huwa ibbazat fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2371/2008, huwiex invalidu ;

(10) Jekk, kemm-il darba jigi deciz mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 530/2008 huwa validu, dan ir-Regolament ghandux jigi interpretat fis-sens illi l-mizuri stabbiliti permezz tal-Artikolu 3 tal-istess Regolament jipprojbixxu ukoll li operaturi Komunitarji jaccettaw il-hatt l-art, it-tqeghid f’gageg ghat-tismin jew ghat-trobbija, jew it-trazbordi f’ilmijiet jew f’portijiet tal-Komunita’ ta’ tonn maqbud fl-Ocean Atlantiku, fil-Lvant tal-longitudni 45 °W,

u fil-Bahar Mediterran minn bastimenti li jtajru bandiera ta' xi Stat extra-Komunitarju u li jistadju bil-*purse seines*.

**8. DOKUMENTI ANNESSI**

8.1 Dokument « A » - kopja tal-process intier tal-kawza fl-ismijiet *AJD Tuna Limited* vs *Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u Avukat Generali*, Rikors Guramentat Numru 1210/2008.

**9. NOTIFIKI**

Din l-ordni ta' referenza, flimkien mad-dokumenti kollha annessa maghha u t-traduzzjonijiet mehtiega, ghandha tigi notifikata lil:

PARTIJIET: AJD Tuna Limited (C-26300), 'Azzopardi Fisheries', Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, Malta;
Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u Avukat Generali, Ufficcju tal-Avukat Generali, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, Malta;

STATI MEMBRI:

STATI OHRA:

KUMMISSJONI EWROPEA: Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, *Rue de la Loi 200*, 1049 Brussel, il-Belgju

KUNSILL EWROPEW:

PARLAMENT EWROPEW:

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------